**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 31/14VG**

**Ronald Apap**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Illum 14 ta' April 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Ronald Apap fis-26 ta' Marzu 2014 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 7 ta' Marzu 2014, permezz ta' liema giet rifjutata t-talba tieghu ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu u minflok jilqa' t-talba tieghu ghall-hrug ta' tali licenza f'ismu, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 5 sa' 12 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tieghu datata 7 ta' Marzu 2014 u jitlob li l-istess jigi michud u d-decizjoni konfermata, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) in linea preliminari t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent in kwantu dan qed jallega li d-decizjoni ma nghatatx fiz-zmien stipulat u allura ghandu jitqies li kien hemm accettazzjoni ta' l-applikazzjoni, liema kwistjoni se mai hija di kompetenza tal-Qorti komposta taht Ligi differenti u mhux quddiem dan it-Tribunal; (ii) fil-meritu u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, it-talba tar-Rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed sabiex jiggustifikaw id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jaghtix il-Licenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent; (iii) il-kompitu ta' dan it-Tribunal huwa li jara jekk id-decizjoni moghtija fil-konfront tar-Rikorrent kienitx wahda gusta jew le u mhux jekk inghatatx fil-hin.

Apparte l-fatt li r-Rikorrent mhux persuna idoneja sabiex tinghatalu Licenza ta' Gwardjan Privat, il-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdix li jekk jiskadi t-terminu fih stipulat ghall-ghoti ta' decizjoni, allura d-decizjoni qual' volta moghtija wara tali terminu hija nulla u lanqas ma jirrizulta li n-nuqqas ta' ghoti ta' decizjoni entro t-terminu stipulat tammonta ghal accettazzjoni ta' l-applikazzjoni, anzi, kif jirrizulta anke minn Ligijiet ohra, in-nuqqas ta' decizjoni entro t-terminu stipulat fil-Ligi ghandha titqies bhala rifjut ta' l-applikazzjoni; (iv) ghalkemm fid-decizjoni datata 7 ta' Marzu 2014 gie indikat l-Artikolu 10(b) minghajr referenza ghall-Kapitolu tal-Ligi, mill-istess decizjoni jirrizulta li r-rifjut huwa bbazat fuq il-provvedimenti tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (v) kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrent, huwa jaf ben tajjeb li ghandu sentenzi recenti li bosta minnhom juru x'karattru ghandu u li ghalhekk mhux fl-interess pubbliku li tinghata Licenza ta' Gwardjan Privat lil persuna b'dan it-tip ta' karattur. Gwardjan Privat irid ikollu karattur affidabbli u responsabbli biex ikun kapaci jaghmel dan it-tip ta' xoghol u b'hekk kull referenza ghal setturi ohra ma tistghax tghodd ghal dan il-kaz ghaliex Licenza ta' Gwardjan Privat tirrikjedi ferm iktar responsabilità minn setturi ohra. Apparte minn hekk ma hemm xejn fil-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta li twaqqaf lill-Kummissarju tal-Pulizija milli jiehu in konsiderazzjoni wkoll reati li huma inqas ricenti, iktar u iktar meta' r-Rikorrent baqa' jikkometti reati b'mod konsistenti u sa' zmien recenti; (vi) fid-determinazzjoni tal-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat il-Kummissarju tal-Pulizija jikkunsidra l-fedina penali ta' l-applikant u mhux ic-Certifikat tal-Kondotta tieghu ghar-raguni li certi reati li taghhom fiz-zmien ikun instab hati l-applikant wara certu zmien ma jibqghux jidhru fic-Certifikat tal-Kondotta tieghu u ghalhekk kieku ma jigux ikkunsidrati. Ir-reati jibqghu jidhru fuq il-fedina penali u b'hekk ma jkunux jistghu jigu injorati. L-intenzjoni tal-Legislatur kjarament kienet illi min jikkommetti certa tip ta' reati ma jikkwalifikax ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat; (vii) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, reat li jinvolvi ferita hafifa, fost reati ohra kommessi, ma jistax jitqies li ma jippregudikax l-interess pubbliku, iktar u iktar meta dan ma huwiex l-uniku reat li tieghu nstab hati r-Rikorrent, fejn instab hati anke ta' reati li jinvolvu theddid ta' anzjani, ta' ufficjali pubblici u anke reati fejn ma obdiex l-ordnijiet moghtija minn ufficjali pubblici, fosthom ordnijiet moghtija minn membri tal-Korp tal-Pulizija;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014[1] u ra l-affidavit ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi Dok. "RA1" u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "A" sa' Dok. "D", Dok. "SZA1" sa' Dok. "SZA16" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Marzu 2015 a fol. 45 sa' 112 tal-process u ra d-dokument, ossia Certifikat tal-Kondotta aggornat, esebit mir-Rikorrent permezz ta' Nota ipprezentata fid-19 ta' Jannar 2016 a fol. 129 u 130 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

[1] Fol. 42 u 43 tal-process.

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija moghtija fis-7 ta' Marzu 2014[2] bis-sahha ta' liema t-talba tieghu ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu giet michuda ai termini ta' l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia peress illi mhux fl-interess pubbliku li tigi koncessa lilu tali licenza u dana minhabba diversi sentenzi fil-konfront tieghu. Huwa jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghal tali decizjoni fuq is-segwenti aggravji: (i) il-Kummissarju tal-Pulizija ma osservax il-procedura kontemplata fil-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ghoti tad-decizjoni in kwistjoni. Ghalkemm ai termini ta' l-Artikoli 8 u 9 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, wara li avviz dwar l-applikazzjonijiet sottomessi ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern kull min jixtieq joggezzjona ghal tali talba ghandu jaghmel dan fi zmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni u wara li jiskadi tali terminu ta' xahar il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu zmien erba' gimghat sabiex jaghti d-decizjoni tieghu fejn jew jilqa' t-talba ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat jew inkella jichad tali talba, fil-kaz in ezami il-Kummissarju tal-Pulizija ta d-decizjoni tieghu oltre t-terminu ta' erba' gimghat prefiss fil-Ligi, in kwantu l-avviz gie pubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Novembru 2013 izda d-decizjoni nghatat fis-7 ta' Marzu 2014. In-nuqqas da parte tal-Kummissarju tal-Pulizija li jottempera ruhu mat-termini prefissi fil-Ligi ghandu, skond ir-Rikorrent, *jittiehed bhala accettazzjoni ta' l-applikazzjoni* [tieghu] *ghal gwardjan privat ghaliex altrimenti jekk jinghad mod iehor wiehed ikun qed jaccetta illi t-termini illi timponi l-ligi sabiex ikun hemm amministrazzjoni kif imiss, jistghu jigu skartati b'mod mill-aktar abbundanti u ma jkunu jiswew xejn*[3]; (ii) ir-raguni ghar-rifjut tat-talba tieghu ma ghandu l-ebda bazi legali ghaliex gie citat biss l-Artikolu 10(b) minghajr ma gie bl-ebda mod indikat ghal liema att jappartjeni dan l-istess artikolu; (iii) fil-meritu, ghalkemm it-talba tieghu giet michuda fl-interess pubbliku minhabba diversi sentenzi fil-konfront tieghu, hafna mis-sentenzi in kwistjoni huma sentenzi li jmorru lura s-snin. Huwa ma jistax jigi kkundannat ghal ghomru milli jikseb xi forma ta' licenza minhabba li xi darba f'hajtu, ghadda kemm ghadda zmien, ikkommetta reat. F'setturi ohra, bhalma huwa dak dwar it-Trasport, senjatament dwar is-servizz ta' garr ta' passiggieri – Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 – gew stabbiliti zminijiet apposti li una volta li jkunu ddekorrew, applikant ma jkunx jista' jibqa' jigi pregudikat minhabba xi sentenza ta' Qorti ta' kompetenza kriminali fil-konfront tieghu, izda fil-kaz ta' Licenza ta' Gwardjan Privat, il-Ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni. Apparte minn hekk ir-rekwizit ta' l-interess pubbliku huwa rekwizit vag u suggettiv u huwa wiehed altament diskrezzjonali. Ghalkemm huwa minnu li kellu reat li kien jinvolvi ferita ta' natura hafifa, tali reat ma huwiex tali li jippregudika l-interess pubbliku.

[2] Dok. "B" fol. 10 tal-process.
[3] Rikors promotur, fol. 2 tal-process.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni datata 7 ta' Marzu 2014 u jitlob li l-istess jigi michud u konsegwentement id-decizjoni konfermata, stante li: (i) in linea preliminari t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent in kwantu dan qed jallega li d-decizjoni ma nghatatx fiz-zmien stipulat u allura ghandu jitqies li kien hemm accettazzjoni ta' l-applikazzjoni, liema kwistjoni se mai hija di kompetenza tal-Qorti komposta taht Ligi differenti u mhux quddiem dan it-Tribunal; (ii) fil-meritu u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, it-talba tar-Rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed sabiex jiggustifikaw id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jaghtix il-Licenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent; (iii) il-kompitu ta' dan it-Tribunal huwa li jara jekk id-decizjoni moghtija fil-konfront tar-Rikorrent kienitx wahda gusta jew le u mhux jekk inghatatx fil-hin. Apparte l-fatt li r-Rikorrent mhux persuna idoneja sabiex tinghatalu Licenza ta' Gwardjan Privat, il-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdix li jekk jiskadi t-terminu fih stipulat ghall-ghoti ta' decizjoni, allura d-decizjoni qual' volta moghtija wara tali terminu hija nulla u lanqas ma jirrizulta li n-nuqqas ta' ghoti ta' decizjoni entro t-terminu stipulat tammonta ghal accettazzjoni ta' l-applikazzjoni, anzi, kif jirrizulta anke minn Ligijiet ohra, in-nuqqas ta' decizjoni entro t-terminu stipulat fil-Ligi ghandha titqies bhala rifjut ta' l-applikazzjoni; (iv) ghalkemm fid-decizjoni datata 7 ta' Marzu 2014 gie indikat l-Artikolu 10(b) minghajr referenza ghall-Kapitolu tal-Ligi, mill-istess decizjoni jirrizulta li r-rifjut huwa bbazat fuq il-provvedimenti tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; (v) kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrent, huwa jaf ben tajjeb li ghandu sentenzi recenti li bosta minnhom juru x'karattru ghandu u li ghalhekk mhux fl-interess pubbliku li tinghata Licenza ta' Gwardjan Privat lil persuna b'dan it-tip ta' karattur. Gwardjan Privat irid ikollu karattur affidabbli u responsabbli biex ikun kapaci jaghmel dan it-tip ta' xoghol u b'hekk kull referenza ghal setturi ohra ma tistghax tghodd ghal dan il-kaz ghaliex Licenza ta' Gwardjan Privat tirrikjedi ferm iktar responsabilità minn setturi ohra. Apparte minn hekk ma hemm xejn fil-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta li twaqqaf lill-Kummissarju tal-Pulizija milli jiehu in konsiderazzjoni wkoll reati li huma inqas ricenti, iktar u iktar meta' r-Rikorrent baqa' jikkometti reati b'mod konsistenti u sa' zmien recenti; (vi) fid-determinazzjoni tal-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat il-Kummissarju tal-Pulizija jikkunsidra l-fedina penali ta' l-applikant u mhux ic-Certifikat tal-Kondotta tieghu ghar-raguni li certi reati li taghhom fiz-zmien ikun instab hati l-applikant wara certu zmien ma jibqghux jidhru fic-Certifikat tal-Kondotta tieghu u ghalhekk kieku ma jigux ikkunsidrati. Ir-reati jibqghu jidhru fuq il-fedina penali u b'hekk ma jkunux jistghu jigu injorati. L-intenzjoni tal-Legislatur kjarament kienet illi min jikkommetti certa tip ta' reati ma jikkwalifikax ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat; (vii) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, reat li jinvolvi ferita hafifa, fost reati ohra kommessi, ma jistax jitqies li ma jippregudikax l-interess pubbliku, iktar u iktar meta dan ma huwiex l-uniku reat li tieghu nstab hati r-Rikorrent, fejn instab hati anke ta' reati li jinvolvu theddid ta' anzjani, ta' ufficjali pubblici u

anke reati fejn ma obdiex l-ordnijiet moghtija minn ufficjali pubblici, fosthom ordnijiet moghtija minn membri tal-Korp tal-Pulizija.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata u determinata hija dik sollevata mir-Rikorrent fl-ewwel aggravju ta' l-appell tieghu, u cioè li l-Kummissarju tal-Pulizija ma tax id-decizjoni tieghu fir-rigward tat-talba tieghu ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu entro t-terminu prefiss fil-Ligi b'dana ghalhekk li ghandu jitqies li l-istess Kummissarju gie li accetta it-talba tieghu ghall-hrug ta' tali licenza, **u** dik relattiva sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija fir-Risposta tieghu dwar l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jittratta u jiddetermina tali kwistjoni u konsegwentement l-Appell tar-Rikorrent fl-intier tieghu.

Il-procedura relattiva ghall-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat (kif ukoll ghall-hrug ta' Licenza bhala Agenzija ta' Gwardjani Privati) da parte tal-Kummissarju tal-Pulizija u ghall-ghoti ta' decizjoni fir-rigward hija provduta fl-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jipprovdu li: *Il-Kummissarju ghandu, fi zmien hmistax-il jum minn meta jircievi dik l-applikazzjoni* [ghall-hrug ta' Licenza bhala Agenzija ta' Gwardjani Privati jew ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat, skond il-kaz] *jaghti avviz fil-Gazzetta dwar dik l-applikazzjoni b'dawk id-dettalji li jidhirlu xierqa* [Artikolu 7]; *Kull persuna tista', fi zmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' avviz bhal dak, toggezzjona bil-miktub ghall-hrug ta' dik il-licenza ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 10. Il-Kummissarju ghandu jikkunsidra kull oggezzjoni bhal dik u ghandu jivverifika kull dikjarazzjoni maghmula fiha. Ghal dan l-ghan il-Kummissarju jista' jehtieg lill-persuna li taghmel l-oggezzjoni biex tipproduci jew tindika l-provi b'sustenn ta' kull dikjarazzjoni li tkun saret f'oggezzjoni bhal dik. Kull oggezzjoni maghmula taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu titqies bhala konfidenzjali* [Artikolu 8]; u *Wara li jkun ikkunsidra l-applikazzjoni maghmula u kull oggezzjonijiet ricevuti taht l-artikolu 8 il-Kummissarju* ***ghandu fi zmien erba' gimghat mill-gheluq tax-xahar imsemmi fl-artikolu 8(1) – jew johrog licenza lill-applikant biex jahdem ta' agenzija ta' gwardjani privati jew ta' gwardjan privat; jew jirrifjuta l-applikazzjoni***[4] [Artikolu 9].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi u b'mod partikolari mill-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta b'mod car li t-terminu entro liema l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jaghti decizjoni dwar applikazzjoni sottomessa ghall-hrug ta' Licenza bhala Agenzja ta' Gwardjani Privati jew ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat, skond il-kaz, huwa wiehed tassattiv u kjarament mhux prorogabbli.

Applikati dawn il-provvedimenti tal-Ligi ghall-kaz in ezami jirrizulta s-segwenti: l-avviz mehtieg a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta'

[4] Enfasi tat-Tribunal.

Malta gie pubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-**5 ta' Novembru 2013**[5]. It-terminu ta' xahar ghall-oggezzjonijiet a tenur ta' l-Artikolu 8 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta **skada fil-5 ta' Dicembru 2013** u konsegwentement it-terminu ta' erba' gimghat prefiss fl-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta entro liema l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jaghti d-decizjoni tieghu dwar it-talba tar-Rikorrent **skada fit-2 ta' Jannar 2014.** Bhala fatt però d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha cahad it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu ggib id-data tas-**7 ta' Marzu 2014**[6], b'dana ghalhekk li jirrizulta li nghatat ben oltre it-terminu ta' erba' gimghat prefiss fil-Ligi.

L-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija tiggustifika d-dewmien fl-ghoti tad-decizjoni fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu, bil-mod segwenti: *wara li japplika kull individwu, fi zmien hmisax mid-data ta' l-applikazzjoni il-Pulizija ta' l-Ufficcju johorgu n-notice fil-gazzetta tal-gvern skond kif inhu mitlub fil-ligi taht Artiklu 7 tal-Kap.389. Barra minn hekk jibghatu wkoll request internament lil diversi Dipartimenti tal-Pulizija stess biex jibghatu gewwa l-Ufficcju tal-Police Licensing Office kopja tal-fedina penali, u xi informazzjoni li jkollhom dwar l-individwu koncernat – dejjem dak li jirrigwarda 'crimes' li jkun ghamel l-individwu stess jew dwar xi akkuzi li hemm pendenti. Jibghatu wkoll request lil Dipartimenti tal-Gvern sabiex jivverifikaw l-informazzjoni li hija bzonjuza skond l-Artiklu 10(a)(iii) u (iv) tal-Kap.389. Fil-frattemp ahna nibdew nivvettjaw dawn l-applikazzjonijiet da parti taghna wkoll. Meta ircevejt il-file ta' Ronald Apap ircivejtu bir-risposti minghand id-Dipartimenti koncernati, b'kopja tal-fedina penali ta' Ronald Apap flimkien mar-rapport tal-Criminal Investigations Unit. Fl-ahhar report jien sibt imnizzel is-segwenti: 1. Defilement of minor fuq Maria Xuereb ta' 14-il sena (Data: 7.1.1987). 2. Series of thefts of vehicles from various places (Data: 1.1.1988). 3. Theft of car from Hal Gahxaq (Data: 22.3.1988). 4. Theft of car from Hal Qormi (Data: 5.1.1991). 5. Willful damage of car (Data: 28.3.2003). 6. Grievous Injuries on the person of Nazzareno Caruana (Data: 27.2.2005). Fir-rigward ta' case number 1, defilement of minor, peress illi dan il-kaz ma kienx jidher fil-fedina penali tieghu, jiena kelli naghmel il-verifikazzjoni tieghi sabiex naraw jekk inqatghax il-kaz jew le. Ghalhekk mort ir-registru tal-Criminal Investigations Department u saqsejthom biex isibuli records ta' dan il-file biex inkun nista' nannettihom fil-file ta' Ronald Apap ta' din l-applikazzjoni. Huma irreferewni lil Vice Squad Office. Jiena bqajt sejra l-Vice Squad Office u nfurmajthom biex isibuli r-records ta' dan il-file biex naraw kif kien baqa' l-kaz. Huma ma setghux isibu dan il-file u jien bqajt ninsisti li ghandna bzonnu. Dan huwa kaz serju u bhala Pulizija inkunu rridu nafu x'sar minnu dan il-kaz peress illi il-konkluzjoni tieghu hija wahda mill-affarijiet importanti sabiex il-Kummissarju ikun jista' jiddeciedi jekk tinharigx din il-*

[5] Dok. "A" a fol. 5 sa' 9 tal-process.
[6] Dok. "B" a fol. 10 tal-process u mill-gdid Dok. "SZA15" a fol. 101 tal-process.

*licenza jew tigix rifjutata. Wara hafna verifikazzjonijiet mill-Vice Squad Office, huma irnexxielhom isibu l-file u fil-hamsa (5) ta' Frar 2014*[7] *gejt infurmata permezz ta' subject form li "Court action has not been taken in view of minute 18 and letter drawn up by Dr. J. Brincat dated 17.7.1987 and marked red 16". Jiena nista nesebixxi kopja tas-subject form (Dok. "B") u kopja ta' l-ittra minghand l-Avukat J. Brincat li intbaghtet lill-ispettur Joseph Mifsud tal-Criminal Investigation Department ta' dak iz-zmien (Dok. "C"). Fuq din l-ittra l-ispettur kellu istruzzjonijiet "to take no further action". … Fir-rigward ta' case number 3 – theft of car from Hal Ghaxaq, jiena tlabt lir-registru tal-Criminal Investigation Department biex jiccekjawli fuq dan il-kaz izda wara li fittxew diversi drabi kienu infurmawni li l-file ma setghax jinstab fir-Registru. Jiena bqajt ninsisti biex isibuli dan il-file peress illi kien importanti ghad-decizjoni taghna fir-rigward ta' din l-applikazzjoni li qed tigi kontestata – izda l-file baqa' ma nstabx*[8].

Apparte l-fatt li d-dewmien fl-ghoti ta' decizjoni meta l-istess ghandha tinghata entro terminu tassattiv u mhux prorogabbli impost mill-Ligi, qatt ma jista' jkun gustifikat u wisq inqas tollerat u sanzjonat, fil-fehma tat-Tribunal fil-kaz in ezami ma hemmx prova tikkorobora b'mod sodisfacenti dak affermat mill-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi, u cioè li d-dewmien fl-ghoti tad-decizjoni dwar l-applikazzjoni tar-Rikorrent sehh minhabba d-dewmien fit-trasmissjoni tal-file relattiv ghal *case number 1,* kif tirreferi ghalih l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi, u minhabba l-fatt li l-file relattiv ghal *case number 3* baqa' ma instabx. Fir-rigward ta' dan l-ahhar kaz ma hemm assolutament l-ebda prova li tikkonferma dak affermat mill-Ispettur Zrinzo Azzopardi, u cioè li l-file baqa' ma instabx fir-Registru tal-Criminal Investigation Department, u fir-rigward tal-kaz l-iehor, ghalkemm giet esebita Nota datata 5 ta' Frar 2014 mahruga minn WPC 308 Kimberly Cachia ghall-Vice Squad[9] fir-rigward ta' tali kaz, minn imkien ma jirrizulta li tali Nota intbaghtet lill-Ispettur Zrinzo Azzopardi biss fil-5 ta' Frar 2014 ghaliex il-file relattiv ma setghax jinstab.

It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li mill-fedina penali biss tar-Rikorrent il-Kummissarju tal-Pulizija kellu bizzejjed elementi f'idejh sabiex jaghti decizjoni dwar it-talba ta' l-istess Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu minghajr ma kellu ghalfejn joqghod jistenna l-files imsemmija mill-Ispettur Zrinzo Azzopardi fl-affidavit taghha u b'hekk jiddilunga d-decizjoni tieghu inutilment. Meta terminu entro liema decizjoni ghandha tinghata huwa wiehed tassattiv u mhux prorogabbli, dik id-decizjoni ghandha tinghata mill-Awtorità pubblika koncernata, f'dan il-kaz mill-Kummissarju tal-Pulizija, entro t-terminu lilha prefiss a bazi ta' l-elementi a disposizzjoni taghha u mhux arbitrarjament taghzel li tezercita d-diskrezzjoni taghha fir-rigward meta trid u jidhrilha li jkun opportun.

---

[7] Sottolinear ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi.
[8] Affidavit ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi a fol. 47 sa' 51 tal-process.
[9] Dok. "B" a fol. 64 tal-process.

Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal jirribadixxi li fil-fehma Tieghu d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu hija tardiva u b'hekk *fuori termine.*

Tali sitwazzjoni però ma ghandhiex twassal ghas-sitwazzjoni prospettata mir-Rikorrent fir-Rikors promotur u cioè li *n-nuqqas ta' l-appellat li jaghti decizjoni fiz-zmien stipulat ghandha allura tittiehed bhala accettazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-esponent ghal gwardjan privat, ghaliex altrimenti jekk jinghad mod iehor wiehed ikun qed jaccetta illi t-termini illi timponi l-ligi sabiex ikun hemm amministrazzjoni kif imiss, jistghu jigu skartati b'mod mill-aktar abbundanti u ma jkunu jiswesw xejn*[10].

Il-fatt li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu inghatat wara t-terminu ta' erba' gimghat prefiss fl-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jgibx sitwazzjoni fejn tali talba ghandha tigi kkunsidrata bhala accettata izda jirrendi tali decizjoni nulla u b'hekk invalida ai termini tal-Ligi. Hawnhekk it-Tribunal lanqas ma jaqbel mas-sottomissjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li l-fatt li d-decizjoni nghatat oltre t-terminu prefiss fil-Ligi *ghandu jittiehed bhala rifjut kif jirrizulta minn ligijiet ohra*[11].

Il-Kummissarju tal-Pulizija kjarament qed jaghmel referenza ghall-ewwel proviso ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta taht it-tifsira ta' "eghmil amministrattiv", li jipprovdi: *izda, hlief f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenhtieg taghti decizjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut ghall-finijiet ta' din it-tifsira.* Huwa evidenti li dan il-proviso specifikatament qed jeskludi dawk il-kazijiet fejn il-ligi tistabilixxi perijodju li fih awtorità pubblika tenthieg taghti decizjoni u dana ghar-raguni li meta l-awtorità pubblika ma taghtix id-decizjoni minnha mehtiega entro t-terminu prefiss fil-Ligi, tkun effettivament qed tabdika milli tezercita d-dover diskrezzjonali taghha li jista' jekwivali ghal abbuz amministrattiv li jkun jehtieg rimedju[12], dement, izid jghid it-Tribunal, tali rimedju jkun effettivament jista' jinghata.

F'dan l-istadju t-Tribunal iqis li ghandha tigi trattata l-kwistjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija bl-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu u cioè li dan *it-Tribunal m'ghandux kompetenza jisma' l-ilment tar-rikorrenti stante illi fir-rikors odjern ir-rikorrent qed jallega illi awtorità ma tatx decizjoni fi zmien stipulat u li allura ghandha titqies bhala accettazzjoni ta' l-applikazzjoni. Qed jigi eccepit illi t-Tribunal m'huwiex il-forum addattat biex jistharreg din il-kwistjoni izda stharrig gudizzjarju ta' dan it-tip dwar jekk*

[10] Rikors promotur, fol. 2 tal-process.
[11] Para. 3 tar-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, fol. 19 tal-process.
[12] George Whelpdale et noe v. Il-Kontrollur tad-Dwana et, Appell Nru. 556/95, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 2004.

*decizjoni inghatatx fil-hin jew le ghandu jsir quddiem Qorti ohra komposta taht ligi differenti u mhux quddiem dan it-Tribunal*[13].

Ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ma jghidhiex b'mod car, huwa evidenti li fl-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu qed jaghmel referenza ghall-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar proceduri ghal stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li: *hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss: (a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni; (b) meta l-eghmil amministrattiva ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin: (i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil; jew (iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilvanti; (iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

Fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu tal-Ligi huwa evidenti li fil-kaz in ezami l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija ma tregix u dana ghar-raguni li r-Rikorrent ma huwiex qed jitlob id-dikjarazzjoni ta' nullità tad-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija in kwantu *ultra vires* ghaliex ma gewx segwiti l-htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' dik id-decizjoni, anzi lanqas jidhol fiha l-kwistjoni ghaliex kif già iktar 'l fuq osservat, huwa qed jaghti interpretazzjoni ghal kollox differenti tas-sitwazzjoni in ezami. Il-kwistjoni tan-nullità tad-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija qed tigi sollevata mit-Tribunal innifsu in kwantu, kif già iktar 'l fuq osservat, ma jaqbilx ma' dak prospettat mir-Rikorrent izda jqis li fic-cirkostanzi d-decizjoni in kwistjoni ma tistax titqies ghajr li hija nulla u bla effett fil-Ligi.

Fil-fehma tat-Tribunal huwa pjenament fakoltizzat sabiex, meta hekk jirrizultalu, jiddikjara li decizjoni amministrattiva ta' awtorità pubblika kontestata quddiemu hija nulla u bla effett fil-Ligi. A tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli anke ghal appelli nascenti minn decizjonijiet moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija taht il-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sahha ta' l-Artikolu 11(3) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, *it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika <u>fuq punti ta' ligi u ta' fatt</u>*[14]. ... Ladarba t-Tribunal ghandu jirrivedi atti amministrattivi ta' awtorità pubblika fuq punti ta' ligi, huwa certament ma jistax jinjora cirkostanza fejn jirrizulta li d-decizjoni kontestata hija nulla w invalida ai termini tal-Ligi.

[13] Para. 1 tar-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, fol. 18 tal-process.
[14] Sottolinear tat-Tribunal.

Kemm-il darba kellha tirrizultalu tali cirkostanza, hekk kif gara fil-kaz in ezami, it-Tribunal ma ghandux triq ohra hlief li jghaddi biex jiddikara tali decizjoni nulla w invalida ai termini tal-Ligi.

Ghad illi t-Tribunal qed iqis li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu hija nulla u kwindi invalida ai termini tal-Ligi in kwantu nghatat oltre t-terminu ta' erba' gimghat prefiss fl-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistax fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jiddeciedi huwa stess li tinhareg o meno tali licenza f'isem ir-Rikorrent. Il-hrug o meno ta' Licenza ta' Gwardjan Privat huwa kompitu esklussiv tal-Kummissarju tal-Pulizija u t-Tribunal ma huwiex fakoltizzat li jezercita d-diskrezzjoni konferita fuq il-Kummissarju minflok l-istess Kummissarju. Lanqas ma jista' fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz – fejn appuntu d-decizjoni kontestata qed tigi meqjusa bhala nulla w invalida ai termini tal-Ligi in kwantu tardiva - jidderiegi lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jerga' jikkonsidra u jiddeciedi t-talba tar-Rikorrent. L-unika triq li t-Tribunal ghandu fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hi li wara li jiddikjara li id-decizjoni kontestata hija nulla w invalida ai termini tal-Ligi, jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell tar-Rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 7 ta' Marzu 2014 fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' Licenza ta' Gwardjan Privat f'ismu, hija nulla w invalida fil-Ligi in kwantu moghtija oltre t-terminu ta' erba' gimghat prefiss fl-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-Appell tar-Rikorrent.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**